MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2010

Avviz Numru. 383/2007

**Joseph Farrugia (I.D. Nru. 690953M)**

**Vs**

**Philip Amato u Peter Abela**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikorsipprezentat mill-attur fid-9 ta’ April 2008 permezz ta’ liema jitlob li l-konvenuti Philip Amato u Peter Abela jigu kkundannati sabiex ihallsuh solidalment u indivizament bejniethom jew fi kwoti li tiddikjara l-Qorti, is-somma ta’ hdax-il elf sitt mija sitta u erbghin Euro u sebgha u tmenin centezmu (€11,646.87) jew ammont iehor verjuri, rapprezentanti arrikkament indebitu favur Philip Amato u rapprezentanti l-prezz ghal xoghlijiet ta’ kostruzzjoni u xoghlijiet ohra konnessi u kif ukoll il-prezz ta’ materjal uzat in konnessjoni ma’ l-istess xoghlijiet, liema xoghlijiet gew esegwiti mill-attur fuq inkarigu ta’ Peter Abela fil-fond 58, Birkirkara Hill, San Giljan, proprjetà ta’ Philip Amato, bl-imghaxijiet legali dekoribbli

mill-20 ta’ Dicembru 2006 sad-data ta’ l-effettiv pagament; bl-ispejjez, komprizi dawk ta’ l-ittra legali datata 20 ta’ Jannar 2007 u tat-taxxa fuq il-valur mizjud in konnessjoni mad-drittijiet professjonali fuq dawn il-proceduri, kontra l-konvenuti;

Rat illi mill-atti processwali jirrizulta li l-konvenut Peter Abela gie debitament notifikat bil-proceduri odjerni permezz tal-procedura ta’ l-affissjoni u pubblikazzjoni a tenur ta’ l-Artikolu 187(3) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta. Madanakollu l-konvenut Peter Abela ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li inzammu quddiem il-Qorti;

Rat il-Kapitolu li gie pprezentat mill-attur fil-konfront tal-konvenut Peter Abela u li l-istess Peter Abela naqas milli jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr;

Rat illi b’Nota pprezentata fis-7 ta’ Ottubru 2010[1] l-attur ceda l-atti tal-kawza fil-konfront tal-konvenut Philip Amato;

Semghet lill-attur jixhed taht gurament waqt is-seduta tat-3 ta’ Novembru 2010;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

L-attur originarjament istitwixxa l-azzjoni tieghu ghall-hlas tas-somma ta’ €11,646.87 fil-konfront tal-konvenut Philip Amato *qua* proprejtarju tal-fond Nru.58, Birkirkara Hill, San Giljan, fejn esegwixxa xoghlijiet fuq inkarigu tal-konvenut l-iehor Peter Abela, **u** fil-konfront ta’ dan Peter Abela bhala l-persuna li attwalment inkarigatu jesegwixxi ix-xoghlijiet fil-fond imsemmi. Il-pretensjoni ta’ l-attur fil-konfront tal-konvenut Philip Amato kienet illi dan arrikkixxa ruhu indebitament, fil-valur fuq imsemmi jew valur iehor verjuri, b’effett tax-xoghlijiet esegwiti minnu fil-fond proprjetà tieghu ghal liema xoghlijiet hu baqa’ ma thallasx.

[1] Fol. 33 tal-process.

Il-pretensjoni ta’ l-attur fil-konfront tal-konvenut l-iehor Peter Abela invece hija ghall-hlas tax-xoghlijiet ta’ kostruzzjoni u xoghlijiet ohra konnessi u tal-materjal utilizzat in konnessjoni ma’ l-istess, esegwiti minnu fuq inkarigu ta’ l-istess Peter Abela.

Mill-atti processwali, u senjatament min-Nota pprezentata mill-attur fis-7 ta’ Ottubru 2010, jirrizulta car li l-attur ceda l-atti tal-kawza odjerna fil-konfront tal-konvenut Philip Amato u ghalhekk gie li ceda l-pretensjoni tieghu fil-konfront ta’ dan Amato ghall-arrikkiment indebitu fil-valur ta’ €11,646.87 jew ammont iehor verjuri. In vista ta’ tali cessjoni din il-Qorti ghandha u ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-pretensjonijiet u talbiet attrici kif dedotti fil-konfront ta’ Philip Amato u minflok ser tikkoncentra biss u tiddeciedi dwar il-pretensjonijiet u talbiet attrici kif diretti fil-konfront tal-konvenut Peter Abela.

Kif appena osservat it-talba attrici fil-konfront tal-konvenut Peter Abela hija ghall-hlas tas-somma ta’ €11,646.87 rapprezentanti l-valur ta’ xoghlijiet ta’ kostruzzjoni u xoghlijiet ohra konnessi u materjal utilizzat in konnessjoni ma’ l-istess, esegwiti mill-attur fil-fond Nru.58, Birkirkara Hill, San Giljan, fuq inkarigu ta’ l-istess konvenut Peter Abela.

Mix-xhieda ta’ l-attur moghtija waqt is-seduta tat-3 ta’ Novembru 2010 jirrizulta li l-konvenut Peter Abela huwa kuntrattur li kien gie imqabbad minn Philip Amato biex jaghmillu xoghlijiet ta’ konversjoni f’fond proprjetà tieghu. Il-konvenut Peter Abela a sua volta kien inkariga lill-attur biex jaghmel ix-xoghlijiet ta’ twaqqih necessarji u l-konsegwenti rikostruzzjoni u ghamel ukoll xoghlijiet ta’ kisi u tibjid. Is-somma ta’ €11,646.87 mitluba mill-attur tirrapprezenta bilanc ta’ dak lilu dovut ghax-xoghlijiet esegwiti u materjal utilizzat, liema bilanc però baqa’ ma thallasx minn Peter Abela li, kif già inghad kien il-persuna li nkariga lill-attur biex jesegwixxi x-xoghlijiet in kwistjoni.

L-attur xehed ukoll illi *jiena kont mort kellimt lil Philip Amato u huwa kien qalli illi lil Peter Abela kien hallsu ‘l fuq minn Lm15,000 u qalli “jekk ghandek tithallas inti lilu taf”,*

*però Peter Abela baqa' jinsisti li ghandu jiehu izjed minghand Philip Amato*. *Meta kont immur ghand Peter Abela biex nitolbu ghall-hlas dan Abela lili kien jghidli li kien ghad jonqsu jigbor aktar flus minghand is-sid izda Philip Amato, kif gja ghedt kien ighidli li hu hallas kollox lil Peter Abela.* Fir-rigward tax-xoghlijiet l-attur xehed illi *ma kien hemm ebda kwistjoni fuq il-kwalità tax-xoghlijiet li ghamilt jiena; fil-fatt kont hadt il-perit tieghi biex jiltaqa' mal-perit taghhom u dana sabiex jitkellmu bejniethom sabiex jikkonfermaw ix-xoghol li ghamilt jiena. Il-perit tieghi stess kien qalli biex niftah din il-kawza ghax qalli li dawn kienu gejjin bid-dghajsa billi ma riedux ihallsuni. Il-proprjetà fejn jiena ghamilt ix-xoghlijiet illum qed tintuza u hemm in-nies jghixu fiha. Jiena m'ghandi l-ebda proceduri miftuha fil-konfront tieghi fir-rigward tax-xoghol li kont esegwejt u dana sa fejn naf jiena.*

Huwa principju assodat fis-sistema guridika nostrali li *hija regola ewlenija fid-dritt dwar l-effett ta' l-obbligazzjonijiet, li wiehed jitqies li wieghed jew ftiehem ghalih innifsu, sakemm il-kuntrarju ma jkunx stabilit espressament mill-Ligi, jew mill-partijiet infushom, jew jekk il-ftehim innfisu jghid mod iehor. Minbarra dan, fi ftehim maghmul minn persuna f'isimha, hija dik il-persuna li tintrabat jew tobbliga ruhha ... Illi fil-kaz tal-ghoti ta' appalt il-Ligi ma titlobx li l-ftehim ghandu jsir bil-miktub. Fil-prattika, dan ifisser li l-hatra li tinghata biex wiehed jaghmel xi haga ghal haddiehor tiehu s-sura ta' mandat li ghaliha japplikaw ir-regoli tal-kuntratt tal-mandat, li mieghu l-appalt ghandu xebh. Ghalkemm min irid jaghmel l-affarijiet sewwa s-soltu jiehu hsieb li jizgura li l-appalt ikun mibni fuq ftehim miktub bid-dettalji kollha tax-xoghol li huwa mehtieg li jsir u bir-rati miftehma, jigri wkoll li drabi ohra l-hatra ssir bil-fomm biss u din taf thalli tahwid dwar in-natura vera ta' l-istess hatra u tal-kundizzjonijiet li tahthom tkun maghmula … Illi r-rabta guridika li tinholoq minn ftehim ta' appalt hija wahda personali b'mod li titnissel presunzjoni iuris tantum li min kien qieghed jikkontratta ghamel hekk f'ismu personalment*. *Biex dik il-prezunzjoni titwaqqa', min*

*jallega li persuna kienet qeghda tiftiehem ghal haddiehor irid juri li l-parti l-ohra wkoll kienet taf b'dan*[2].

Applikat dan il-principju ghal dak li johrog mix-xhieda ta' l-attur, liema xhieda ma gietx kontradetta u ghalhekk din il-Qorti ma ssib ebda raguni ghalfejn ma ghandiex tikkunsidraha bhala veritjera, jirrizulta li r-relazzjoni guridika rigwardanti x-xoghlijiet esegwiti mill-attur fil-fond proprjetà ta' Philip Amato u l-materjal minnu utilizzat fil-kuntest ta' l-istess, hija bejn l-istess attur u l-konvenut Peter Abela billi kien dan Abela li nkariga lill-attur jesegwixxi x-xoghol.

Huwa principju assodat ukoll, nascenti mill-Artikolu 1643 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, illi *l-bennejja, il-mastrudaxxi u artigjani ohra mqabbdin fit-tlugh ta' bini jew xoghol iehor moghti b'appalt, m'ghandhomx azzjoni kontra dak li ghalih sar ix-xoghol, hlief sas-somma biss li huwa jkollu jaghti lill-appaltatur fiz-zmien li huma jmexxu l-azzjoni taghhom*.

Fil-kaz in ezami mix-xhieda ta' l-attur, li jigi ribadit ma gietx kontradetta bl-ebda mod, jirrizulta li s-sid Philip Amato jikkontendi li hu hallas dak kollu dovut lill-konvenut Peter Abela ghax-xoghlijiet esegwiti fil-fond tieghu. Ghalkemm jidher li l-konvenut Peter Abela jikkontesta dan il-fatt, ma tressqet ebda prova da parte tieghu in sostenn ta' tali kontestazzjoni. Fin-nuqqas ta' prova kuntrarja ghalhekk jidher li Philip Amato *qua* sid il-fond fejn gew esegwiti x-xoghlijiet hallas lill-appaltatur Peter Abela u ghalhekk fid-dawl tal-principju appena citat huwa l-konvenut Peter Abela li hu responsabbli ghall-hlas lill-attur tal-bilanc li ghadu dovut lilu.

Mill-atti processwali ma tirrizulta ebda raguni li tista' tiggustifika jew ta' l-inqas tispiega n-nuqqas ta' hlas lill-attur tas-somma minnu pretiza u dana anke billi mix-xhieda tieghu jirrizulta li ma kienx hemm kwistjonijiet dwar il-kwalità tax-xoghol esegwit minnu u l-fond fejn saru x-xoghlijiet effettivament jinsab abitat min-nies.

---

[2] **Vassallo Builders Group Limited v. John A. Said noe, Citaz. Nru.2092/98** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta' Ottubru 2010.

Fid-dawl ta’ dan kollu ghalhekk jirrizulta li t-talba ta’ l-attur fil-konfront tal-konvenut Peter Abela ghall-hlas tas-somma ta’ €11,646.87 hija gustifikata u bhala tali ghandha tigi milqugha.

L-attur jitlob ukoll li l-konvenut Peter Abela jigi kkundannat ihallas l-ispejjez tal-kawza, kompriza t-taxxa fuq il-valur mizjud in konnessjoni mad-drittijiet professjonali fuq dawn il-proceduri.

F’dan ir-rigward il-Qorti tosserva li ai termini ta’ l-Artikolu 7 ta’ l-Erbghatax-il Skeda tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta’ Malta, li japplika ghal kull kawza ghall-hlas ta’ drittijiet ta’ servizzi professjonali maghmula kontra persuna li ma tkunx dik il-persuna li lilha tkun saret il-provvista tas-servizzi, *il-persuna li kontra taghha tkun saret il-kawza ma ghandhiex tkun marbuta li thallas l-ammont li jirreferi ghat-taxxa, jekk ikun hemm, li ghandha tithallas fuq il-provvista ta’ dawk is-servizzi sakemm l-original tal-fattura ta’ taxxa jew ricevuta fiskali ghal dawk is-servizzi kif mitlub fid-disposizzjonijiet tal-paragrafu (b) ta’ din il-partita ma tinghatax lilha, jew, fejn il-kawza tkun saret kontra ghadd ta’ persuni flimkien, lil xi wiehed minnhom.*

Il-paragrafu (b) ta’ l-imsemmi artikolu jipprovdi li *fattura ta’ taxxa jew ricevuta fiskali moghtija skond kif imsemmi hawn fuq ghandu jkun fiha, minbarra t-taghrif mehtieg skond l-Att – (i) id-dikjarazzjoni li tidher hawn taht iffirmata mill-persuna li lilha jkunu inghataw l-imsemmija servizzi: “Niddikjara li ebda kreditu ghall-input tax ma ntalab jew ser jintalab lura minni fir-rigward tas-servizzi professjonali li ghalihom tirreferi din il-fattura ta’ taxxa/ricevuta fiskali”; (ii) meta l-persuna li kontra taghha tkun saret il-kawza jew it-talba tkun persuna registrata taht l-Artikolu 10, jew, meta l-kawza tkun saret kontra ghadd ta’ persuni flimkien, jekk xi wiehed minnhom ikun persuna registrata taht l-Artikolu 10, l-isem u n-numru ta’ identifikazzjoni tat-taxxa fuq il-valur mizjud ta’ l-imsemmija persuna registrata; (c) meta fattura ta’ taxxa jew ricevuta fiskali ghall-hlas ta’ servizzi professjonali li tkun tikkonforma mad-disposizzjonijiet tal-paragrfu (b) ta’ din il-partita tinghata lil*

*persuna taxxabbli li hi marbuta bil-ligi li thallas jew tirrifondi l-imsemmi hlas din ghandha ghall-ghanijiet ta' dan l-Att titqies daqslikieku kienet fattura ta' taxxa ghal servizzi professjonali provduti lilha.*

Minn din id-disposizzjoni tal-Ligi johrog car li l-hlas da parte tal-konvenut tat-taxxa fuq il-valur mizjud relattiva ghad-drittijiet professjonali in konnessjoni ma' dawn il-proceduri, ma hijiex kwistjoni li ghandha tigi deciza w imposta mill-Qorti fis-sentenza Taghha izda, tali hlas jista' jintalab minghand il-konvenut kemm-il darba dak dispost fil-Ligi jigi segwit mill-attur. Fid-dawl ta' dan ghalhekk il-Qorti mhux ser tiehu konjizzjoni tat-talba partikolari ta' l-attur biex il-konvenut jigi kkundannat ihallas it-taxxa fuq il-valur mizjud in konnessjoni mad-drittijiet professjonali fuq dawn il-proceduri.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tastejni milli tiehu konjizzjoni tat-talbiet attrici fil-konfront ta' Philip Amato in vista tan-Nota ta' Cessjoni pprezentata mill-attur fis-7 ta' Ottubru 2010, tilqa' t-talba ta' l-attur kif diretta fil-konfront tal-konvenut Peter Abela u tikkundanna lil dan il-konvenut ihallas is-somma ta' €11,646.87, bl-imghax legali dekoribbli mid-9 ta' April 2008, id-data tal-prezentata tar-Rikors promotur, sad-data ta' l-effettiv pagament. Ghal dak li jirrigwarda l-ispejjez giudizzjarji relattivi ghal dawn il-proceduri, filwaqt li tastejni milli tiehu konjizzjoni tat-talba ta' l-attur biex il-konvenut jigi kkundannat ihallas it-taxxa fuq il-valur mizjud in konessjoni mad-drittijiet professjonali fuq dawn il-proceduri, tiddikjara u tiddeciedi li l-ispejjez giudizzjarji relattivi ghal dawn il-proceduri jibqghu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------